IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.4.2019
COM(2019) 203 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' aċċess miftuħ għall-Internet tar-Regolament (UE) 2015/2120

1. INTRODUZZJONI

L-UE stabbiliet il-prinċipju għal Internet miftuħ bir-Regolament (UE) 2015/2120, xi kultant imsejjaħ ir-Regolament dwar is-Suq Uniku tat-Telekomunikazzjoni[1], li ilu japplika fl-Istati Membri kollha mit-30 ta' April 2016.

- L-Artikoli 1 u 2 jistabbilixxu l-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet
- L-Artikolu 3(1) tar-Regolament jistipula l-prinċipju li l-utenti aħħarin li jużaw servizzi ta' aċċess għall-internet għandhom id-dritt li jaċċessaw u jqassmu l-informazzjoni, il-kontenut, l-applikazzjonijiet u s-servizzi tal-għażla tagħhom.
- L-Artikolu 3(2) jipprovdi li l-ftehimiet bejn il-fornituri tas-servizzi ta' aċċess għall-internet u l-utenti aħħarin m'għandhomx jillimitaw id-drittijiet tal-utenti aħħarin stabbiliti fl-Artikolu 3(1).
- L-Artikolu 3(3) jipprojbixxi l-imblukkar, it-trażżin u d-diskriminazzjoni bejn kontenut, applikazzjonijiet u servizzi, soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet limitati. Il-ġestjoni tat-traffiku, biex tittejjeb il-kwalità tas-servizzi trażmessi, hija possibbli sakemm tkun raġonevoli. It-tielet subparagrafu jistipula eċċezzjonijiet restrittivi mill-obbligu li ma jitwettqux miżuri ta' ġestjoni tat-traffiku (u li ma jiġux imblukkati, imnaqqsa, mibdula, limitati, ma jkunx hemm interferenza ma', ma jiġux degradati jew li ma ssirx diskriminazzjoni bejn kontenut, applikazzjonijiet jew servizzi speċifiċi) sabiex jew ikun hemm konformità mal-leġiżlazzjoni, jew biex tkun ippreservata s-sigurtà tan-netwerks jew biex ikun hemm prevenzjoni tal-ġestjoni eċċezzjonali/temporanja tal-konġestjoni.
- L-Artikolu 3(4) jipprovdi li kwalunkwe miżura ta' ġestjoni tat-traffiku trid tikkonforma mal-prinċipji ta' neċessità u proporzjonalità fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u l-qafas tal-Unjoni rilevanti f'dan il-qasam. L-Artikolu 3(5) jagħmilha ċara li s-servizzi (għajr servizzi ta' aċċess għall-Internet) li huma ottimizzati għal kontenut, applikazzjonijiet jew servizzi speċifiċi (xi kultant imsejħa "servizzi speċjalizzati") jistgħu jiġu offruti skont ċerti kundizzjonijiet, inkluż li mhumiex ta' ħsara għall-kwalità tas-servizzi ġenerali ta' aċċess għall-Internet.

Ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-BEREC biex joħroġ Linji Gwida f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni dwar l-obbligi tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex jimmonitorjaw u jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-Internet miftuħ. Il-BEREC stabbilixxa Grupp ta' Ħidma ta' Esperti dwar l-Internet Miftuħ li jiltaqa' b'mod regolari u li fih tipparteċipa l-Kummissjoni. Il-BEREC ippubblika l-ewwel verżjoni tal-

[1] Ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ u tariffi bl-imnut għal komunikazzjonijiet intra-UE regolati u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 (ĠU L 310, 26.11.2015, p.1).

Linji Gwida[2] f'Awwissu 2016. L-għan tal-grupp ta' ħidma huwa li jiżgura l-konsistenza fl-applikazzjoni tar-Regolament madwar l-Ewropa.

L-Artikolu 9 jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi d-dispożizzjonijiet tar-regolament dwar l-aċċess miftuħ għall-Internet u tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, "akkumpanjat, jekk meħtieġ, minn proposti xierqa bil-ħsieb li jiġi emendat ir-Regolament."

Dan ir-rapport jivvaluta l-implimentazzjoni tar-regolament minn meta daħal fis-seħħ u jqabbel is-sitwazzjoni attwali rigward l-aċċess għall-Internet miftuħ fl-Unjoni, inkluż fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq, u jqabbel dan mas-sitwazzjoni ta' qabel ma sar applikabbli r-regolament.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni turi li l-għanijiet tar-regolament jibqgħu rilevanti llum daqs kemm kienu rilevanti meta ġew adottati l-ewwel darba u mhumiex ikkontestati: hemm kunsens wiesa' li l-konsumaturi u n-negozji għandu jkollhom id-dritt li jkollhom aċċess għal Internet miftuħ. Dan jgħinhom jiksbu informazzjoni, jikkomunikaw, jinnovaw u jikkompetu fl-ekonomija diġitali globali u huwa mezz dejjem iktar importanti għaċ-ċittadini biex jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà.

Għall-finijiet ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni ġabret rispons dwar kif ir-regolament biddel ix-xenarju tal-Internet miftuħ minn firxa wiesgħa ta' gruppi permezz ta':

- l-istudju (SMART 2017/0011)[3], li analizza d-deċiżjonijiet l-aktar aġġornati tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, il-każistika u l-feedback mit-28 Stat Membru u n-Norveġja u inkluda stħarriġ fost il-partijiet ikkonċernati u intervisti mmirati;

- konsultazzjoni pubblika li saret fl-2018 mill-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC), segwita minn opinjoni[4] dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida tal-BEREC;

- kuntatti regolari mal-partijiet ikkonċernati fil-livelli kollha; u

- workshop immirat għall-partijiet ikkonċernati li sar fil-5 ta' Diċembru 2018.

2. IS-SITWAZZJONI TAX-XENARJU BAŻI

Qabel ma daħal fis-seħħ ir-regolament, l-utenti aħħarin ilmentaw li s-servizzi tal-vuċi fuq IP (VoIP)[5] kienu qed jiġu mblukkati mill-fornituri tas-servizzi tal-Internet.

---

[2] Linji Gwida tal-BEREC dwar l-Implimentazzjoni mir-Regolaturi Nazzjonali tar-Regoli Ewropej ta' Newtralità tal-Internet

[3] Studju dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tan-newtralità tal-internet tar-Regolament dwar is-Suq Uniku tat-Telekomunikazzjonijiet (SMART 2017/0011) — għall-Kummissjoni Bird & Bird u Ecorys.

[4] Opinjoni għall-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/2120 u l-linji gwida tal-BEREC għan-Newtralità tan-Net

[5] (bħal telefonati bil-vuċi permezz ta' Skype jew WhatsApp fuq l-Internet)

Pereżempju, tal-inqas 21 % tal-utenti tal-broadband fiss u tal-inqas 36 % tal-broadband mobbli ġew affettwati minn restrizzjonijiet fuq l-abbiltà tagħhom li jikkomunikaw fuq l-Internet fuq bażi bejn il-pari (P2P), jew għal raġunijiet tekniċi jew kuntrattwali u tal-inqas 21 % tal-utenti tal-broadband ġew affettwati minn restrizzjonijiet relatati mal-VoIP, kemm b'mod tekniku kif ukoll għal raġunijiet kuntrattwali[6]. Barra minn hekk, negozji ġodda innovattivi li jaħdmu bl-Internet ħabbtu wiċċhom ma' inċertezza legali dwar sa liema punt jistgħu jużaw l-Internet biex ikollhom aċċess għas-suq tagħhom.

Barra minn hekk, uħud mill-prattiki tal-konsumatur kienu soġġetti għal restrizzjonijiet jew għall-imblukkar ta' ċerti servizzi, bħall-prattika ta' "tethering", li tinvolvi l-użu ta' smartphone biex taqbad man-netwerk ċellulari ġenerali, u l-kondiviżjoni ta' din il-konnessjoni ma' apparat ieħor billi tiftaħ hotspot tal-Wi-Fi mill-ismartphone.

Il-konsumaturi lmentaw ukoll li l-kuntratti ta' konnessjoni tal-Internet kienu nieqsa mit-trasparenza dwar il-veloċità u l-ġestjoni tat-traffiku.

3. L-IŻVILUPPI KUMMERĊJALI TA' SERVIZZI AWTORIZZATI. L-IMPATT TAL-ARTIKOLU 3(1)

Ir-regolament jindirizza l-kundizzjonijiet kuntrattwali u l-prattiki kummerċjali applikati mis-servizzi ta' aċċess għall-Internet.

Ir-riżoluzzjoni b'suċċess ta' servizzi mblukkati

L-Artikolu 3(3) jipprojbixxi l-imblukkar tal-aċċess u jillimita l-miżuri ta' ġestjoni tat-traffiku. Dan l-obbligu ppermetta lill-konsumaturi jibbenefikaw minn aċċess għal siti web u servizzi tal-għażla tagħhom. Is-servizzi tal-VoIP, b'mod partikolari, żviluppaw b'mod ħieles minn mindu daħal fis-seħħ ir-regolament u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi laqgħu dan bħala suċċess ċar tar-regolament.

L-introduzzjoni b'suċċess tal-għażla tat-tagħmir tat-terminals

Skont l-Artikolu 3(1), l-utent aħħari għandu d-dritt li jagħżel it-tagħmir terminali li jrid juża. Il-prattika ta' "tethering" issa hija aċċettata mill-fornituri kollha ta' aċċess għall-Internet tal-UE, u hija meqjusa bħala titjib mill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi.

4. L-IŻVILUPPI KUMMERĊJALI TA' OFFERTI BI PREZZIJIET DIFFERENZJATI - L-ARTIKOLI 3(2) U 3(3)

L-Artikolu 3(2) jeħtieġ li l-kundizzjonijiet kuntrattwali u l-prattiki kummerċjali ma jillimitawx id-drittijiet tal-utenti aħħarin stabbiliti fl-Artikolu 3(1).

Id-differenzjazzjoni tal-prezz: Ir-rata żero

Bażi ġuridika u offerti ta' rata żero

[6] "Opinjoni dwar il-ġestjoni tat-traffiku u prattiki oħra li jirriżultaw f'restrizzjonijiet għall-Internet miftuħ fl-Ewropa" — BEREC u l-Kummissjoni, BoR (12) 30.

Offerta tissejjaħ b'" rata żero" meta fornitur ta' servizz tal-Internet japplika prezz marġinali ta' żero għat-traffiku tad-*data* assoċjat ma' applikazzjoni partikolari jew kategorija ta' applikazzjonijiet (u d-*data* kkunsmata ma tgħodd mal-ebda limitu ta' *data* ġenerali). Il-forniturі tas-servizzi tal-Internet ta' spiss jipprovduha bla ħlas għall-utent.

Għalkemm it-terminu "rata żero" ma jidhirx fir-regolament, il-koleġiżlaturi ħadu kont ta' offerti kummerċjali bħal dawn. B'mod partikolari, l-Artikolu 3(2) issostni li "Ftehimiet bejn fornituri ta' servizzi ta' aċċess għall-Internet u utenti aħħarin dwar kundizzjonijiet kummerċjali u tekniċi u l-karatteristiċi ta' servizzi ta' aċċess għall-Internet bħall-prezz, il-volumi jew il-veloċità tad-*data*, u kwalunkwe prattika kummerċjali mwettqa mill-fornituri ta' servizzi ta' aċċess għall-Internet, ma għandhomx jillimitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-utenti aħħarin stipulati fil-paragrafu 1."

L-effett ta' offerti b'rata żero fuq il-konsumaturi

Il-gruppi ta' interess iħaddnu diversi opinjonijiet — ta' spiss kontrastanti — dwar l-impatt ta' offerti b'rata żero. Pereżempju, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi[7] jaraw l-impatt ġenerali ta' offerti b'rata żero bħala negattivi għall-konsumatur u jaħsbu li għandhom jiġu pprojbiti. Huma jqisu li offerti bħal dawn jgħawġu l-kompetizzjoni bejn dawk il-kumpaniji li joffru l-kontenut jew l-applikazzjonijiet li huma inklużi bħala b'rata żero u kumpaniji oħra li joffru kontenut u applikazzjonijiet simili[8]. B'kuntrast ma' dan, il-forniturі tas-servizzi tal-Internet jikkunsidraw li r-regolament jippermettilhom jipproponu offerti differenti bi prezzijiet differenti u jagħti l-libertà lill-utent aħħari li jagħżel bejn dawn l-offerti.

Kemm il-livell ta' kompetizzjoni fis-suq kif ukoll l-inklussività tal-applikazzjonijiet magħżula jaffettwaw il-konsumaturi. Offerti bħal dawn għandhom aktar probabbiltà li jkunu ta' benefiċċju għall-konsumaturi f'każijiet fejn il-livell ta' kompetizzjoni huwa qawwi sew fis-suq ta' aċċess għall-Internet jew fis-swieq tal-kontenut u l-applikazzjonijiet u fejn id-*data* tkun bi prezzijiet relattivament affordabbli (anke meta jkun hemm tariffa)[9]. Barra minn hekk, dawn l-offerti għandhom anqas probabbiltà li jkollhom effett ta' distorsjoni tas-suq tal-kontenut jekk jinkludu kategoriji sħaħ ta' applikazzjonijiet (pereżempju s-servizzi kollha ta' streaming tal-mużika) milli kieku jinkludu lista ristretta ta' applikazzjonijiet.

Prattiki regolatorji għall-offerti ta' rata żero

Il-linji gwida tal-BEREC jiddefinixxu offerti ta' rata żero u jirrakkomandaw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jevalwawhom każ b'każ. Il-linji gwida jelenkaw firxa ta' fatturi li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati fil-kuntest taċ-ċirkostanzi speċifiċi tas-suq tal-Istati Membri differenti[10].

---

7 Sors: workshop tal-partijiet ikkonċernati tal-5 ta' Diċembru 2018.

8 Fin-Netherlands, Qorti sabet li l-Artikolu 3 tar-Regolament ma fih l-ebda projbizzjoni kategorika fuq id-diskriminazzjoni fil-prezzijiet u li offerta b'rata żero għas-servizzi tal-mużika kienet ġiet awtorizzata - ara l-Qorti Distrettwali ta' Rotterdam 20 ta' April 2017, ECLI:NL:RBROT:2017:2940. Wara d-deċiżjoni tal-Qorti, assoċjazzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini kkontestat l-awtorizzazzjoni iżda l-Qorti Distrettwali ta' Rotterdam ċaħdet ir-rikuża. : Ara l-kawża Bits of Freedom vs ACM ECLI:NL:RBROT:2019:414.

9 Studju għad-DĠ COMP tal-Kummissjoni Ewropea ta ħarsa lejn dawn l-effetti fl-2017.

10 Linji gwida BEREC (2016), para 43-48.

Anki jekk jiġi applikat prezz aktar baxx/żero għal ċerti applikazzjonijiet — pjuttost milli għal kategorija sħiħa — li l-konsum tad-*data* tagħha ma japplikax għal-limitu massimu tad-*data*, dan huwa inċentiv ekonomiku (aktar milli tekniku) biex jintużaw dawk l-applikazzjonijiet. Skont il-Linji Gwida tal-BEREC, tali tipi ta' rati żero ma jkunux ipso facto pprojbiti bir-regolament[11].

Madankollu, minħabba l-Artikolu 3(3), il-fornituri tas-servizzi tal-Internet għandhom jittrattaw it-traffiku tal-Internet kollu b'mod ugwali meta jipprovdu servizz ta' aċċess għall-Internet, mingħajr diskriminazzjoni, restrizzjoni jew interferenza. Għalhekk, skont l-istess linji gwida, offerta ta' rata żero fejn l-applikazzjonijiet kollha jiġu mblukkati jew titnaqqsilhom r-rapidità ladarba jintlaħaq il-limitu massimu tad-*data*, ħlief għall-applikazzjonijiet b'rata żero, tikser l-ewwel u t-tielet subparagrafi tal-Artikoli 3(3)[12].

L-istudju SMART[13] sab li d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kienu konsistenti f'dan ir-rigward. B'kollaborazzjoni fi ħdan il-grupp ta' ħidma BEREC, huma assiguraw konsistenza fid-deċiżjonijiet li japplikaw fl-Istati Membri differenti. Hemm tendenzi konsistenti fl-implimentazzjoni bejn l-Istati Membri. Pereżempju, offerti ta' rata żero applikabbli għall-applikazzjonijiet kollha ta' kategorija partikolari u li huma mblukkati flimkien mat-traffiku tal-Internet l-ieħor tal-utent ladarba jintlaħaq il-limitu massimu ġenerali u li ma jagħmlux differenza oħra fit-traffiku, kienu ġeneralment meqjusa bħala legali. L-interventi regolatorji ffukaw fuq id-differenzjazzjoni teknika u fuq kundizzjonijiet ta' offerta pjuttost speċifiċi. Xi deċiżjonijiet ikkjarifikaw ukoll aspetti relatati mar-roaming.

Kif issemma qabel, il-BEREC qed jippjana biex ikompli dan ix-xogħol kollaborattiv mal-Kummissjoni, biex jiċċara l-linji gwida fejn huwa possibbli, u jipprovdi metodoloġija pass pass għall-valutazzjoni ta' każijiet ta' rata żero.

Id-differenzjazzjoni dwar il-kwalità

L-Artikolu 3(2) jipprovdi wkoll li ftehimiet bejn fornituri ta' servizzi ta' aċċess għall-Internet u utenti aħħarin dwar karatteristiċi (bħall-prezz, il-volumi ta' *data* jew il-veloċità), m'għandhomx jillimitaw l-abbiltà tal-utenti aħħarin li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif stabbilit fil-paragrafu 1.

L-utenti aħħarin għalhekk għandhom id-dritt li jagħżlu prezzijiet differenzjati għal parametri differenti fil-kwalità tas-servizz (eż. volumi jew veloċitajiet tad-*data*) sakemm id-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1) ma jkunux limitati għal kwalunkwe minnhom.

Il-kwalità tas-servizz tista' tvarja skont it-tagħmir tat-terminal użat, il-firxa tan-netwerk, il-kontenut u fatturi oġġettivi oħra. Pereżempju, meta żewġ utenti aħħarin ikunu abbonaw għal servizzi ta' kwalità differenti, jistgħu jesperjenzaw prestazzjoni ta' trażmissjoni li tvarja. Madankollu, fil-prinċipju, huma kkunsidrati li huma ttrattati b'mod ugwali jekk il-miżuri tal-ġestjoni tat-traffiku huma bbażati fuq ġustifikazzjonijiet tekniċi oġġettivi li jibbenefikaw il-kwalità u/jew l-effiċjenza ġenerali tan-netwerk. L-evidenza sal-lum ma tindikax li, bħala proposta ġenerali, id-disponibbiltà ta' servizzi b'veloċità differenti, volum jew karatteristiċi oħra, bi prezzijiet differenti, kienet ta' dannu għall-konsumaturi jew l-abbiltà tagħhom li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 3(1).

[11] Linji gwida BEREC (2016), para 42.

[12] Linji gwida BEREC (2016), para 55.

[13] L-istudju SMART 2017/0011.

Billi l-Artikolu 3(2) jippermetti ftehimiet kummerċjali, il-protezzjoni tal-konsumaturi li xtraw servizzi ta' kwalità aktar baxxa hija normalment assigurata mill-miżuri ta' trasparenza pprovduti fl-Artikolu 4 tar-regolament, il-miżuri ġenerali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-utenti aħħarin inklużi fil-Kapitolu IV tad-Direttiva Servizz Universali[14] u s-sistema sħiħa tal-protezzjoni tal-konsumatur. F'dan l-istadju, ma jidhirx li huma meħtieġa miżuri addizzjonali biex tissaħħaħ din is-sistema ta' protezzjoni ġenerali.

Il-BEREC qed jaħdem mill-qrib mal-Kummissjoni biex jiċċara dan is-suġġett fil-linji gwida tiegħu.

L-imblukkar tan-netwerk ikkontrollat mill-utent

Il-fornituri tas-servizzi tal-Internet qajmu[15] l-possibbiltà ta' offerti futuri fejn oġġetti mqabbda flimkien jistgħu jaqbdu biss mal-applikazzjoni tal-produttur tagħhom u fejn l-utent aħħari jista' jkun irid jillimita l-possibbiltà ta' konnessjoni biss mal-apparat tagħhom stess. Eżempju tipiku jkun persuna li tixtri allarm kontra s-serq jew webcam u tillimita l-apparati li huma awtorizzati biex jikkonfigurawha għal dawk tar-residenti fil-bini. F'tali każ, il-fornitur tas-servizz tal-Internet jimplimenta r-restrizzjonijiet ta' aċċess fin-netwerk, iżda dan isir fuq talba tal-utent aħħari. F'dan il-każ, l-għażla mogħtija lill-utent aħħari mill-Artikolu 3(2) biex jaqbel dwar kundizzjonijiet tekniċi mal-fornitur tas-servizz tal-Internet hija rilevanti. F'tali xenarju, l-obbligi tal-Artikolu 3(3) li japplikaw għall-operatur li jimblokka l-punti aħħarin ma japplikawx għal każijiet fejn l-utent aħħari huwa kompletament fil-kontrol ta' —— u jistabbilixxi punt b'punt — x'għandu u x'm'għandux ikun imblukkat (u l-kundizzjonijiet tekniċi jew kummerċjali l-oħra tas-servizz ta' aċċess għall-Internet ma jvarjawx skont l-għażla tagħhom.) Madankollu, prattiki bħal dawn għandhom jiġu mmonitorjati mill-qrib sabiex jiġi żgurat li l-ebda għażla ta' dan it-tip ma tkun imposta mill-fornitur tas-servizz tal-Internet. Għall-kuntrarju, għandha tibqa' taħt il-kontroll permanenti tal-utent aħħari permezz ta' inklużjoni fakultattiva inizjali u esklużjoni fakultattiva sussegwenti[16].

5. L-IŻVILUPPI TEKNOLOĠIĊI U D-DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-ARTIKOLU 3(3)

Il-5G

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-soċjetà Ġigabit[17], il-pjan ta' azzjoni 5G[18] u l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi[19] jistabbilixxu għanijiet ambizzjużi għall-introduzzjoni ta' netwerks 5G u jipprovdu għal soluzzjonijiet li jistgħu jippermettu lis-servizzi innovattivi jiffjorixxu. It-teknoloġiji 5G qed jiġu standardizzati mill-industrija tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u dalwaqt se jkunu introdotti fis-suq.

---

[14] Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51-77).

[15] Sors: workshop tal-partijiet ikkonċernati tal-5 ta' Diċembru 2018.

[16] Id-diskussjonijiet relatati jinsabu fil-linji gwida tal-BEREC fil-paragrafi 17, 38 u 55.

[17] Konnettività għal Suq Uniku Diġitali Kompetittiv — COM(2016) 587.

[18] 5G għall-Ewropa: Pjan ta' Azzjoni — COM(2016) 588.

[19] Direttiva (UE) 2018/1972 — Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi

Il-5G jippermetti trasformazzjoni industrijali permezz ta' servizzi broadband bla fili b'veloċitajiet f'gigabits. Il-5G iwiegħed konnessjonijiet tad-*data* b'veloċità għolja, latenza baxxa u l-kapaċità li jisfruttaw kwalunkwe riżorsa bla fili disponibbli mill-Wi-Fi sal-4G u l-immaniġġjar ta' miljuni ta' apparati konnessi simultanjament (l-"Internet tal-Oġġetti"). Jiftaħ ukoll il-possibbiltà li l-organizzazzjoni tan-netwerk issir flessibbli, b'parametri ta' softwer li jippermettu mudelli ta'negozju innovattivi f'diversi setturi (eż. fit-trasport, is-saħħa, il-manifattura, il-loġistika, l-enerġija, il-midja u d-divertiment).

Ir-regolament ġie maħsub apposta bħala sett ta' regoli bbażati fuq il-prinċipji sabiex ikun jista' jiġi applikat għall-iżvilupp prevedibbli ta' teknoloġiji u servizzi ġodda, sakemm dawn jibqgħu konsistenti mal-ekosistema ta' Internet miftuħ. Dan huwa rifless fil-premessa (1) li tidentifika l-għan doppju tar-regolament: "li jipproteġi lill-utenti aħħarin u fl-istess waqt li jiżgura kontinwità fil-funzjonament tal-ekosistema tal-Internet bħala mutur ta' innovazzjoni".

Partizzjoni

It-teknoloġija tal-partizzjoni tan-netwerk ("network slicing") taħdem biex toħloq separazzjoni virtwali bejn il-partijiet tan-netwerk. Hija tiftaħ possibbiltajiet ġodda għall-organizzazzjoni tal-provvista ta' servizzi differenti billi talloka riżorsi b'mod rapidu.

Il-5G jintroduċi aktar possibbiltajiet biex titwassal konnettività li hija adattata għas-servizz offrut. Xi servizzi jeħtieġu veloċità għolja u konsistenti tad-*data* (pereżempju realtà awmentata), u xi whud għandhom bżonn fatturi differenti bħall-possibbiltà li jaqbdu ma' numru ta' apparati ta' enerġija baxxa (pereżempju sensuri tas-saħħa fid-dar).

L-arkitettura 5G tista' tippermetti forom ta' miżuri raġonevoli ta' ġestjoni tat-traffiku li jottimizzaw it-traffiku skont il-karatteristiċi oġġettivi tal-kontenut, l-applikazzjoni jew is-servizz, u b'hekk itejbu l-prestazzjoni u l-flessibbiltà ġenerali tas-sistema.

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3), jipprovdi li l-forniturijistgħu jimplimentaw miżuri raġonevoli ta' ġestjoni tat-traffiku. Madankollu, "miżuri bħal dawn m'għandhomx jissorveljaw il-kontenut speċifiku u ma għandhomx jinżammu għal aktar żmien milli jkun meħtieġ". Skont l-għażliet magħmula meta jiġu skjerati netwerks 5G, jista' jkun hemm il-ħtieġa futura li jiġi evalwat b'mod preċiż liema kontenut huwa "speċifiku" u liema mhux. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni mhijiex konxja ta' xi eżempju konkret fejn din id-dispożizzjoni tfixkel l-implimentazzjoni tat-teknoloġija tal-partizzjoni. Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi din il-kwistjoni mill-qrib hekk kif il-5G jiżviluppa fis-suq.

Il-BEREC ħabbar li jilqa' d-djalogu bejn il-gruppi ta' interess u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jekk dawk tal-ewwel huma inċerti dwar jekk użu speċifiku ta' teknoloġija 5G jikkonformax mar-regolament. Il-Kummissjoni tappoġġja dan id-djalogu mal-partijiet ikkonċernati u se taħdem mill-qrib mal-BEREC fuq il-linji gwida aġġornati.

6. L-IŻVILUPPI TEKNOLOĠIĊI U S-SERVIZZI SPEĊJALIZZATI - L-ARTIKOLU 3(5)

Is-servizzi minbarra s-servizzi ta' aċċess għall-Internet

L-Artikolu 3(5) jipprovdi l-possibbiltà li jiġu offruti servizzi barra s-servizzi ta' aċċess għall-Internet (hawnhekk imsejħa "servizzi speċjalizzati"), li huma ottimizzati għal

kontenut, applikazzjonijiet jew servizzi speċifiċi, jew taħlita tagħhom, fejn l-ottimizzazzjoni hija meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-kontenut, l-applikazzjonijiet jew is-servizzi għal-livell speċifiku ta' kwalità.

Huwa jistipula li l-fornituri tas-servizzi tal-Internet jistgħu joffru jew jiffaċilitaw tali servizzi biss jekk il-kapaċità tan-netwerk tkun biżżejjed biex tipprovdihom flimkien ma' kwalunkwe servizzi ta' aċċess għall-Internet mingħajr ma tnaqqas il-kwalità tagħhom.

Kien hemm ftit mistoqsijiet dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(5) minn mindu daħal fis-seħħ ir-regolament, minħabba li ma tnedewx ħafna tipi ta' servizzi speċjalizzati ġodda.

Skont stħarriġ[20], l-istess tipi ta' servizzi speċjalizzati ġew offruti għal xi żmien minn firxa wiesgħa ta' fornituri ta' servizzi tal-Internet — prinċipalment telefonati bil-vuċi ġestiti (Vuċi fuq IP - VoIP) u t-televiżjoni permezz tal-Internet (IPTV).

L-industrija tistenna li jinħolqu servizzi speċjalizzati ġodda, iffaċilitati min-netwerks 5G. Għad m'hemmx servizzi kummerċjali 5G disponibbli u l-partijiet ikkonċernati esprimew inċertezza dwar l-interpretazzjoni futura tal-Artikolu 3(5) mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(5) hija li s-servizzi speċjalizzati jistgħu jiġu offruti "biss jekk il-kapaċità tan-netwerk tkun biżżejjed biex jiġu pprovduti flimkien ma' kwalunkwe servizz ta' aċċess għall-Internet ipprovdut" u li "servizzi bħal dawn ma għandhomx ikunu jistgħu jintużaw jew jiġu offruti bħala sostitut għal servizzi ta' aċċess għall-Internet, u ma għandhomx ikunu jagħmlu ħsara lid-disponibbiltà jew il-kwalità ġenerali tas-servizzi ta' aċċess għall-Internet għall-utenti aħħarin".

Filwaqt li l-fornituri tas-servizzi tal-internet jappoġġjaw il-prinċipju sottostanti tar-regolament, huma mħassba — flimkien ma' xi fornituri tal-kontenut — li l-linji gwida attwali tal-BEREC ma jipprovdux flessibbiltà biżżejjed fl-eżempji tiegħu dwar kif jissodisfaw dawk il-kundizzjonijiet, u jobbligawhom jirriżervaw riżorsi ddedikati għal dawn is-servizzi ġodda u jitilfu l-benefiċċju tal-allokazzjoni dinamika tal-kapaċità. Dawn jindikaw ukoll li kwalunkwe servizz speċjalizzat li jikkonforma mal-kundizzjonijiet fl-Artikolu 3(5) għandu jkun permess mingħajr il-bżonn ta' awtorizzazzjoni minn qabel, qabel ma jitnieda. Il-fornituri jenfasizzaw li jridu jevitaw sitwazzjoni fejn il-kumplessità preżunta tal-valutazzjoni ex-post twassalhom fil-prattika biex ifittxu permess espliċitu qabel ma jiżviluppaw jew iniedu kwalunkwe servizz. Huma enfasizzaw ukoll li l-eżempju fil-linji gwida dwar il-kejl tal-prestazzjoni billi jsir test tas-servizz ta' aċċess għall-internet waqt li s-servizzi speċjalizzati kollha huma mitfija, fil-prattika ma tantx huwa applikabbli, peress li xi servizzi vertikali ma jkunux jistgħu jkunu ttardjati minħabba n-natura speċjali tagħhom.

Organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u tas-soċjetà ċivili u fornituri tal-kontenut jikkunsidraw li kemm ir-regolament kif ukoll il-linji gwida huma flessibbli biżżejjed biex jakkomodaw is-servizzi 5G.

Fid-dawl tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' servizzi speċjalizzati, jista' jkun hemm dubji dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(5). Jista' jkun neċessarju li jkompli jkun iċċarat meta l-ottimizzazzjoni tas-servizzi tista' titqies neċessarja għal raġunijiet tekniċi jew kummerċjali, meta l-"kapaċità tan-netwerk hija biżżejjed" u meta servizzi speċjalizzati huma "għad-detriment tad-disponibbiltà jew tal-kwalità ġenerali tas-servizzi ta' aċċess għall-Internet. Tali kjarifiki jistgħu jkunu meħtieġa". Kjarifiki bħal dawn jistgħu jkunu

[20] L-Istudju SMART 2017/0011.

meħtieġa sabiex jiżguraw il-protezzjoni tal-utent aħħari u fl-istess waqt jiżguraw kontinwità fil-funzjonament tal-ekosistema tal-Internet bħala mutur ta' innovazzjoni.

Il-BEREC ħabbar[21] li se jikkunsidra li jipprovdi kjarifiki ulterjuri fil-linji gwida dwar kif għandu jkun ivvalutat, fuq bażi ta' każ b'każ, jekk servizz għajr l-aċċess għall-internet, jikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(5). Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-BEREC fuq dan l-aġġornament tal-linji gwida.

Il-kejl tal-prestazzjoni tan-netwerk

It-tkabbir emerġenti tal-partizzjoni tan-netwerk u s-servizzi speċjalizzati joħloq l-isfida dwar kif l-utenti aħħarin jingħataw il-flessibbiltà biex jibbenefikaw minn allokazzjoni dinamika ta' riżorsi, filwaqt li jkun hemm konformità mal-obbligu tal-Artikolu 3(5) jiġifieri li servizzi speċjalizzati ma jitħallewx jaġixxu għad-detriment tal-kwalità tas-servizzi ġenerali ta' aċċess għall-internet.

Il-kejl tal-prestazzjoni tan-netwerk huwa kompitu kumpless peress li jiddependi fuq fatturi multipli, bħall-utenti aħħarin oħra li jużaw in-netwerk jew id-distanza bejn t-telefon ċellulari u l-antenna tal-istazzjon bażi, filwaqt li t-tqabbil tal-prestazzjoni tul iż-żmien jeħtieġ analiżi statistika.

Il-fornituri tas-servizzi tal-Internet jinsistu fuq l-importanza li jiġu riflessi l-ħafna fatturi relatati mal-prestazzjoni tan-netwerk fl-interpretazzjoni tal-kejl. L-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-konsumatur u tad-drittijiet ċivili jirrikonoxxu l-kumplessità ta' dan il-kompitu iżda jinsistu fuq il-ħtieġa li tkun ivverifikata l-informazzjoni kwantitattiva.

Il-BEREC qed jaħdem biex jaġġorna l-linji gwida f'dan il-qasam[22] u nieda proċedura ta' akkwist biex jiżviluppa l-għodda għal softwer rilevanti.

7. IT-TRASPARENZA KUNTRATTWALI, IL-MONITORAĠĠ REGOLATORJU U L-PROĊEDURI

L-obbligi dwar it-trasparenza fl-Artikolu 4

L-Artikolu 4(1) ikkontribwixxa għat-trasparenza fir-rigward tal-kundizzjonijiet inklużi fil-kuntratt għal servizzi ta' aċċess għall-Internet għall-utenti aħħarin u jidher li huwa effettiv fir-rigward tal-informazzjoni li l-fornituri tas-servizzi tal-Internet jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom. L-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi rċevew ħafna inqas ilmenti dwar il-kwalità tas-servizzi ta' aċċess għall-Internet milli minn qabel ma sar applikabbli r-regolament.

Il-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi[23], li se japplika minn Diċembru 2020, se jikkomplementa din id-dispożizzjoni billi jarmonizza aktar ir-regoli tat-trasparenza b'għodda ta' tqabbil ħielsa u indipendenti.

Is-superviżjoni u l-infurzar — l-Artikolu 5

Xenarju bażi: qabel il-31 ta' Diċembru 2016

[21] L-opinjoni tal-BEREC . ikkwotata

[22] Qed tiġi kkwotata l-opinjoni tal-BEREC.

[23] Id-Direttiva (UE) 2018/1972, l-Atikolu 103.


Uħud mill-Istati Membri kellhom leġiżlazzjoni fis-seħħ dwar aċċess għall-Internet miftuħ jew dwar it-trasparenza tal-informazzjoni u xi wħud kellhom miżuri ta' awtoregolazzjoni jew ta' koregolazzjoni. Tali Stati Membri kellhom il-possibbiltà li jżommu tali miżuri nazzjonali sal-31 ta' Diċembru 2016 u, f'tali każ, kellhom l-obbligu li jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk il-miżuri sat-30 ta' April 2016. Il-grafika t'hawn taħt turi din is-sitwazzjoni:

Il-Mapep 1, 2 u 3[24]**:**

1 Leġiżlazzjoni diġà eżistenti dwar l-aċċess għall-Internet miftuħ (projbizzjoni, imblukkar, trażżin u offerti ta' rata żero)

2: Leġiżlazzjoni diġà eżistenti dwar it-trasparenza

3: Leġiżlazzjoni diġà eżistenti ta' awtoregolazzjoni (isfar**) jew ta' koregolazzjoni (**blu**)**



[24] data mill-Istudju SMART 2017/0011.


L-implimentazzjoni tar-regolament wara Diċembru 2016

Is-superviżjoni u l-infurzar tar-regolament għadhom komparattivament reċenti u għadhom għaddejjin. Għaddejjin għadd ta' investigazzjonijiet minn awtoritajiet regolatorji nazzjonali individwali dwar ċerti suġġetti. Madankollu, l-implimentazzjoni kienet konsistenti fl-Unjoni kollha. Il-kwistjonijiet li qamu kienu prinċipalment dwar it-trasparenza (informazzjoni dwar il-kuntratt), ir-rata żero u miżuri dwar il-ġestjoni tat-traffiku. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali qegħdin jindirizzawhom b'mod koordinat. Tabilħaqq, fi ħdan il-BEREC huma waqqfu grupp ta' ħidma biex jaqsmu l-prattiki u jistinkaw biex iżommu l-konsistenza fl-applikazzjoni tagħhom tar-regolament. Dan il-proċess ta' koordinazzjoni wassal biex it-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Istati Membri jikkonverġi ħafna.

Is-sanzjonijiet — l-Artikolu 6

Is-sanzjonijiet ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri. Pereżempju, f'xi Stati Membri, il-penali huma marbuta mad-dħul ta' kumpanija, f'oħrajn hemm ammont massimu fiss waqt li xi whud għandhom taħlita tat-tnejn. Għal ksur simili ta', pereżempju, l-Artikolu 3, l-ammonti massimi fissi jvarjaw minn madwar EUR 15 000 sa EUR 3 miljun u l-multi massimi relatati mad-dħul ivarjaw minn 0.5 % sa 10 %. It-tip ta' penali imposti (multi u/jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali bil-possibbiltà jew mingħajr li jiġu imposti sanzjonijiet oħra bħas-sospensjoni tal-attivitajiet) ukoll ivarjaw bejn l-Istati Membri.

Figure 1: Ħarsa ġenerali lejn il-multi massimi (relatati mal-fatturat u kwistjonijiet monetarji)[25]



Sal-lum ġew imposti biss ftit penali u kollha kemm huma kienu ferm inqas mill-massimu applikabbli.

[25] L-Istudju SMART 2017/0011.

Billi sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati huma kruċjali għall-implimentazzjoni korretta tar-regolament, il-Kummissjoni qed tissorvelja l-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fl-Istati Membri.

8. KONKLUŻJONI

Meta mqabbel mas-sitwazzjoni fl-2015, qabel ma ġie applikat ir-regolament, l-utenti aħħarin u l-fornituri tal-applikazzjoni tal-kontenut jesprimu sodisfazzjon kbir dwar is-sitwazzjoni attwali. Il-fornituri tas-servizzi tal-internet jappoġġjaw ukoll il-prinċipji ta' Internet miftuħ u ma jqisux li huwa neċessarju li dawn il-prinċipji jiġu emendati.

Wieħed mill-għanijiet tar-regolament kien li jappoġġja l-Internet bħala mutur ta' innovazzjoni. Illum, in-negozji diġitali qed jiffjorixxu biċ-ċar kif muri minn raggruppamenti ta' negozji ġodda f'postijiet dinamiċi ħafna madwar l-Ewropa. Il-ħolqien ta' dawn in-negozji ġodda huwa, parzjalment, grazzi għall-aċċess faċli għall-klijenti tagħhom, li r-regolament jappoġġja. Barra minn hekk, ir-regolament ma jidhirx li jaffettwa l-investimenti magħmula minn fornituri ta' servizzi ta' aċċess għall-Internet. Il-parteċipanti kollha fis-suq japprezzaw ħafna ċ-ċertezza legali li ħoloq, għaliex id-disponibbiltà ta' regoli prevedibbli hija kruċjali għad-deċiżjonijiet tagħhom dwar investiment.

Mill-valutazzjoni tal-ewwel sentejn u nofs ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-prinċipji tar-regolament huma xierqa fid-dawl tal-iżvilupp tas-suq u li huma effettivi għall-protezzjoni tal-utent aħħari u l-promozzjoni tal-Internet bħala magna ta' innovazzjoni.

L-esperjenza ta' kif qed jiġi applikat ir-regolament għadha limitata minħabba ż-żmien relattivament qasir tal-applikazzjoni tiegħu. Perjodu ulterjuri ta' stabbiltà regolatorja se jippermetti lir-regolaturi, lill-partijiet ikkonċernati u lill-utenti aħħarin isiru aktar familjari mal-applikazzjoni tiegħu. Stabbilità bħal din hija żgurata fl-UE permezz ta' leġiżlazzjoni applikabbli direttament, ibbażata fuq il-prinċipji, appoġġjata mill-komunitajiet rilevanti kollha tal-partijiet ikkonċernati, u sostnuta minn mekkaniżmi flessibbli li jiżguraw teħid ta' deċiżjonijiet konsistenti fuq livell nazzjonali.

Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li ma jkunx xieraq li tipproponi emendi għar-Regolament f'dan l-istadju. Ir-Regolament se jkompli jipproteġi lill-utenti tal-Internet Ewropej u jippermettilhom ikomplu jibbenefikaw mill-aċċess għall-informazzjoni, u l-kontenut, l-applikazzjonijiet u s-servizzi skont l-għażla tagħhom.

Il-Kummissjoni għandha tkompli tissorvelja l-iżviluppi fis-suq, fid-dawl tal-iżviluppi fit-teknoloġija u s-servizzi.

B'mod partikolari, għandha taħdem mill-qrib mal-BEREC, li qed iwettaq proċess ta' koordinazzjoni li wassal b'suċċess lill-Istati Membri biex jikkonverġu t-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. Il-BEREC qed jippjana li jkompli din il-kollaborazzjoni fil-futur. Gruppi ta' interess ippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar il-linji gwida ta' implimentazzjoni tal-BEREC u talbu biex ikunu adattati biex jirriflettu l-iżviluppi tas-suq u tat-teknoloġija. Il-BEREC beda l-ħidma tiegħu fuq l-aġġornament tal-Linji Gwida u l-pjanijiet għall-2019, "f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni" kif previst fl-Artikolu 5(3), u għandu jkompli fil-futur, biex jiżgura li l-Linji Gwida jirriflettu b'mod xieraq l-iżvilupp tas-suq.